# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 18



Il-Qaddisin bi ħġarhom jirrakkomandaw il-meditazzjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Passjoni hija l-ġajja tal-Akbar Imħbba – Il-Ħruf ta' Alla li l-Missier offrieh biex isseħħ il-ġustfikazzjoni taghna; Hija l-prezz li tħallas biex jitħssar id-Dnub tad-dinja u aħna nerġgħu nsir ulied Alla u werrieta tal-Ġenna.

Apparti l-Via Sagra, r-Rużarju joffrilna mezz mill-aqwa biex nikkontemplaw il-Passjoni Qaddisa ta' Sidna.

Il-Misteri tat-Tbatija jistednuna nidħlu fl-Agunija miegħu fil-Ġetsemani fejn għereq l-Għaraq tad-Demm, narawh tradutt b'bewsa minn Ġuda, arrestat, miċħud tlett darbiet minn Pietru, abbandunat mill-Appostli u jgħaddi lejl ta' sofferenza għand Kajfa.

Nitnikktu ma' dan 'l-Isbaħ wieħed fost ulied il-bnedmin' jiġi msawwat b'mod mill-aktar kattiv, brutali u sagrilegu.

Nissummaw quddiem il-kefrija tas-suldati li għamlu minn dan il-Għaxqa tal-Missier, parodija ta' sultan taż-żufjett b'mod mill-aktar inuman u krudil – bix-xewk fir-Ras Adorabbli tiegħu u mkasbar.

Nakkumpanjawh fil-Via Dolorosa mgħobbi bis-Salib. Naduraw il-Pjaga Moħbija ta' Spallejh, il-waqgħat tiegħu taħt is-Salib, il-Laqgħa Doloruża m'Ommu Marija Addolorata.

Nassistu ghat-Traġedja tal-Qorriegħa – traġedja li għalina ssarfet f'fortuna enormi għax fetħitilna l-Bieb tal-Ġenna.



F'waħda mid-dehriet privati lir-ruħ qaddisa, Marija rrakkomandat ħafna r-Rużarju tat-Tbatija biex nirreparaw u nirringrazjaw lil dan is-Salvatur Maħbub tagħna.

**NADURAWK O ĠESÙ U NBERKUK GĦAX B'SALIBEK U L-MEWT TIEGĦEK INI FDEJTNA !**

**San Alwiġi de Montfort**
**mill-Ktieb: Is-Sigriet tal-Rużarju**

**Bil-kelma AVE, li hija l-isem ta' EVA, sirt naf li Alla fil-qawwa infinita tiegħu ppreservani mid-dnubiet kollha u l-miserji li jiġu minnu li l-ewwel mara waqgħet fihom. L-isem Maria, li tfisser 'Sinjura tad-Dawl' turi li Alla mlieni bil-għerf u d-dawl, bħal kewkba tiddi, biex indawwal is-sema u l-art. Il-kelmiet, 'Mimlija bil-Grazzja', jfakkruni li l-Ispirtu s-Santu sawwab ħafna grazzji fuqi li jiena kapaċi nagħti dawn il-grazzji bl-abbundanza lil min jitlobhomli bil-medjazzjoni tiegħi. Meta jgħiduli, 'Il-Mulej Miegħek' jkunu qed iġeddu l-ferħ indeskrivibbli li kien tiegħi meta l-Kelma Eterna nkarnat f'ġufi. Meta jgħiduli 'Imbierka int fost in-nisa', jiena nfaħħar il-Ħniena ta' Alla li għolliena f'dan il-grad eżaltat ta' hena. U l-kelmiet,'Imbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù', il-Ġenna kollha tifraħ miegħi meta tara lil Ibni Ġesù adurat u glorifikat għax salva l-umanità.**